# Sekwenza

## X'naħseb



- Id-direzzjonijiet mogħtijin huma ċari biżżejjed? Nista' nsegwi eżempju?
- Kif ser nippjana xogħli?
- Għandi ħin biżżejjed biex nipprattika, inlesti xogħli u niċċekkja li kollox organizzat kif suppost?
- Xogħli hu pulit biżżejjed?

## X'nagħmel



- Norganizza l-informazzjoni miksuba, nippjana u nagħmel il-listi.
- Naqra kemm-il darba l-istruzzjonijiet u nuża l-eżempji bħala gwida.
- Nippreferi nipprattika minn qabel dak li jkolli nagħmel.
- Naħdem tassew bil-galbu biex inkun ċert/a li tajt xogħol mirqum u pulit.

## X'inħoss



- Inħossni frustrat/a meta d-direzzjonijiet mogħtijin ma jkunux ċari.
- Tassew niddejjaq meta l-persuna li tkun qed tagħti l-istruzzjonijiet tibqa' tbiddel fehmitha sal-aħħar.
- Nieħu pjaċir meta jkolli ħin biżżejjed biex naħdem bil-kwiet u bla għaġla.
- Inħossni tassew sodisfatt/a meta nipproduċi xogħol pulit u organizzat.